## Ruling mogħti minn Mr Speaker fis-Seduta 239 tas-17 ta' Frar 2015 dwar xhieda mill-Avukat Ġenerali quddiem Kumitat tal-Kamra

Fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi, il-laqgħa nru 9 li saret fil-11 ta' Frar, 2015 ġew mitluba żewġ *rulings*, effettivament meta kien qed jixhed l-Avukat Ġenerali, Dr Peter Grech, meta ġie mgħajjat bħala xhud min-naħa tal-Oppożizzjoni u dan dwar il-ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Prim Ministru fis-seduta li tmur lura għat-30 ta' Settembru, 2013 fil-konfront tal-Kap tal-Oppożizzjoni huwa, wara li ġie mistoqsi fuq id-dokument li kien irċieva mingħand l-OLAF u dan wara li kien qed jiġi mistoqsi mill-Onor. Chris Said wara li ġie mogħti l-ġurament biex Dr Peter Grech jirrispondi għal domandi li seta' hu jirrispondi sal-mument li talab lis-Sedja li għandu jiġi eżentat biex ikun jista' jwieġeb aktar domandi, Dr Peter Grech qal hekk:

> "Din fiha dak li għedt li fiha però minħabba l-fatt li hija komunikazzjoni interna bejnna u bejn il-pulizija nara l-problema. Jiġifieri xtaqt forsi r-*ruling* tas-Sedja fuq din."

Hawnhekk Dr Peter Grech kien qed jagħmel referenza għall-ittra li kien bagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija, wara li huwa kien irċieva r-rapport mingħand l-OLAF u li kienet intalbet min-naħa tal-Oppożizzjoni li Dr Peter Grech jippreżenta din l-ittra. Kien hawnhekk li Dr Peter Grech talab *ruling* jekk setax jagħmel dan fiċ-ċirkostanzi. Fil-fatt is-Sedja qalet hekk:

> "Mela inti qed titlob *ruling* biex tara l-pożizzjoni tiegħek tkunx komdu li tippreżenta d-dokument jew le."

Aktar tard waqt is-seduta tal-Kumitat inqalgħet ukoll il-kwestjoni dwar il-fatt min għandu jeżenta lil Dr Peter Grech bħala Avukat Ġenerali biex ikun jista' jirrispondi xi domandi oħrajn li huwa jħoss li għandu jiġi eżentat mis-sigriet professjonali u kien hawnhekk li ntalab *ruling* ukoll mill-Onor. Chris Said, fejn qal hekk, u nikkwota:

> "Hija l-kwestjoni ta' *dual role* tal-Avukat Ġenerali u t-tieni jekk treġi t-teżi tagħkom, li aħna ma naqblux magħha, imma jekk treġi t-teżi tagħkom, allura min irid jawtorizzah, min jista' jeżentah mis-sigriet professjonali."

Dan kollu żvolġa matul din il-laqgħa meta fil-bidu stess ta' din il-laqgħa, l-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech talab lis-Sedja dan, u nikkwota:

> "Iva, xtaqt nagħmel il-punt li jien, kemm *in vista* tar-*ruling* tas-Sinjorija Tiegħek tal-11 ta' Marzu, 2014 kif ukoll *in vista* tal-artiklu 257 tal-Kodiċi Kriminali u anke tal-Kodiċi tal-Etika tal-Avukati, jekk ma jkollix eżenzjoni u s-sigriet professjonali mill-klijent, ma nista' ngħid xejn fuq ir-relazzjoni bejni u bejn il-klijent. Din xtaqt nagħmilha ċara. Dik hija l-pożizzjoni tiegħi. Jekk hemm bżonn xi *ruling* fuq dan

> nitlob li jingħata però jien bħala avukat għandi bżonn l-ewwel nett l-eżenzjoni mis-sigriet professjonali biex nista' nixhed."

F'dan l-istadju s-Sedja fehmet lil Dr Peter Grech li hi qiegħda tifhem il-pożizzjoni tiegħu però rridu niġu fl-istadju biex naraw x'domandi se jsirulu. Jistgħu jsirulu domandi ovvji li l-Avukat Ġenerali seta' komodament jirrispondi u setgħu jsiru domandi li eventwalment ikun qed jitlob l-eżenzjoni kif diġà ġie spjegat. Kien hawnhekk allura li d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali Louis Grech qal hekk, u nikkwota:

> "Aħna għedna li jidhrilna li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi eżentat milli jkun xhud, l-ewwel ħaġa minħabba l-*appointment* kostituzzjonali tiegħu, it-tieni ħaġa, jista' jinħoloq preċedent. Fil-fatt aħna ma oġġezzjonajniex li d-dokument li kien ippreżenta Dr Peter Grech fil-11 ta' Jannar, 2013 ħallejnieh li jidher bi kwalunkwe trasparenza però nemmnu li jkun preċedent ikrah u jekk aħna nħallu lill-Attorney General, din se tnaqqas l-integrità professjonali tiegħu, se tillimitalu l-libertà tiegħu u nemmnu li dan jista' jkun kemm f'każ kriminali kif ukoll ċivili, għax m'hemmx distinzjoni lanqas fil-liġi, u anke skont ir-*ruling* tiegħek. Aħna jidhrilna li m'għandniex inħallu li dan il-preċedent isir."

Kien hawnhekk li kien hemm ir-risposta immedjata min-naħa tal-Onor. Chris Said fejn qal hekk:

> "Filwaqt li naqbel mija fil-mija mal-pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali bħala avukat tal-Gvern li f'dak il-każ għandu jitlob l-eżenzjoni tal-Gvern jew tal-Ministru jew tad-Dipartiment li jkun tahom il-parir biex jiġi eżentat, hawnhekk *si tratta* materja ta' investigazzjoni kriminali."

U jkompli:

> "U jekk fil-kwestjoni ta' proċeduri kriminali meta allura hawnhekk jaħdem id f'id mal-prosekuzzjoni, f'dan il-każ il-pulizija u f'ċerti każijiet l-Uffiċċju tiegħu wkoll ikun prosekutur, hemmhekk hux l-istess rwol tiegħu bħala avukat tal-Gvern. Din hija d-distinzjoni li qed nagħmlu aħna, li diġà għamilna fis-seduta l-oħra, u r-*ruling* tiegħek, Sur President, tal-11 ta' Marzu li għamel referenza għalih l-Avukat Ġenerali Dr Grech, huwa *ruling* fejn *si tratta* minn parir bħala avukat tal-Gvern, allura parir ta' avukat lill-klijent tiegħu filwaqt li wkoll il-Kodiċi ta' Etika li għamel referenza għalih l-istess Avukat Ġenerali ftit tal-ħin ilu huwa wkoll Kodiċi ta' Etika li *si tratta* minn pożizzjoni ta' parir li jagħti l-avukat lill-klijent tiegħu. Sa fejn naf jien fil-proċeduri kriminali dan ma japplikax, tant hu hekk li fil-Qorti, anke l-Avukat Ġenerali, ikun parti integrali mill-istess proċeduri li jkunu qed jittieħdu fil-konfront ta' xi persuna jew oħra.".

Fil-konfront ta' dan kollu l-Ministru Edward Zammit Lewis qal hekk:

> "Din mhijiex xi ħaġa soġġettiva jew xi ħaġa ta' opinjoni. Nirreferi għall-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 2 ta' Kapitlu 90 tal-Liġijiet ta' Malta li hija l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali li tgħidlek id-*dual role* li għandu l-Avukat Ġenerali. Però bir-rispett kollu, id-*dual role* li għandu l-Avukat Ġenerali ma jbiddel xejn mir-relazzjoni ta' avukat u l-klijent li għandu l-Avukat Ġenerali mal-Gvern. Tant hu hekk, li fir-*ruling* tiegħek, senjatament paġna 5 *et sequitur* tal-istess *ruling* li tajt fil-11 ta' Marzu 2014 inti tittratta l-Avukat Ġenerali wieħed; mhux wieħed qisu xi alla Grieg, Janus ta' żewġt uċuħ imma huwa istitut wieħed li jirreferi ... Anke inti qed tirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali fl-istess senjatament l-artiklu 642, subartikolu (1) ta' Kapitlu 9 u l-artikolu 377 ta' Kapitlu 9 li hija l-Kodiċi Kriminali li jagħmlu referenza wkoll għall-artikolu 257 ta' Kapitlu 9. Jiġifieri mhijiex kwestjoni ta' spjegazzjoni imma hija kwestjoni li r-rwol tal-Avukat Ġenerali. Huwa delinjat mil-liġi u delinjat ukoll mir-*ruling* li ġie mogħti."

Hawnhekk l-Onor. Chris Said ikkonkluda hekk:

> "M'hemmx l-*issue* ta' eżenzjoni u mhux eżenzjoni tas-sigriet professjonali."

Kien hawnhekk li s-Sedja ddeċidiet li tagħti l-ġurament lil Dr Peter Grech biex wieħed jara x'domandi se jsirulu u f'każ illi, u nikkwota:

> "F'dak il-każ, inti tħossok li tista' tixhed jew xorta titlob il-ħelsien mis-sigriet jew il-ħelsien mill-klijent tiegħek? Din hija d-domanda."

Kien hawnhekk li l-Avukat Ġenerali, Dr Peter Grech, qal hekk:

> "F'dak il-każ naħseb li aktar u aktar ma nistax nixhed għax imbagħad hemm il-Kostituzzjoni stess li tgħid li fir-rwol tiegħu bħala prosekutur, l-Avukat Ġenerali mhuwiex soġġett għad-direzzjoni u kontroll ta' awtoritajiet oħrajn.".

Hawnhekk is-Sedja wara li semgħet id-dibattitu u s-sottomissjonijiet fuq dan il-punt qalet, u nikkwota:

> "Mela ħalli nagħmluha ċara. Intom tan-naħa tal-Gvern qegħdin toġġezzjonaw u m'intomx tagħtu l-*go-ahead* lill-Avukat Ġenerali biex jirrispondi d-domandi, tajjeb hekk?"

Kien hawnhekk li aktar tard is-Sedja tat il-ġurament lil Dr Peter Grech biex imbagħad l-istess Sedja tat direzzjoni fejn qalet hekk:

> "... qed nagħtih id-dritt li jagħżel li ma jirrispondix. Il-*guidelines* qegħdin ċari."

Meta mbagħad bdew isiru d-domandi, id-domandi kienu qed jirreferu prinċipalment fuq rapport li Dr Peter Grech, bħala Avukat Ġenerali, irċieva mill-Anti-Fraud Office li hija magħrufa aħjar bħala OLAF li għandha relazzjoni mal-IAID li hija *set-up* fi ħdan l-Unjoni Ewropea li bagħtet rapport lilu dirett u kien f'dak il-mument li huwa rrisponda, Dr Peter Grech, li ġie avviċinat mill-OLAF fuq dan id-dokument li huwa rċieva u qal ukoll li huwa, kif irċieva dan ir-rapport, wara li qrah għaddieh lill-Kummissarju tal-Pulizija għal iżjed investigazzjoni. Kien hawnhekk li Dr Peter Grech qal hekk:

> "Fit-22 ta' Ottubru ktibt ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn qed ngħidlu hemm dawn il-konklużjonijiet fir-rapport, però dan ir-rapport waħdu mhuwiex biżżejjed u allura jeħtieġ iżjed li inti tagħmel dawk l-investigazzjonijiet li jidhirlek xierqa wara dan ir-rapport."

Kien f'dan il-mument li Dr Chris Said staqsa hekk:

> "Tista' tippreżentalna kopja ta' din l-ittra li bgħatt lill-Kummissarju tal-Pulizija?"

Hawnhekk Dr Peter Grech talab lis-Sedja li tagħti *ruling* fuq dan il-punt tad-dokument; jekk huwa għandux jpoġġi d-dokument li huwa semma peress li din hija komunikazzjoni interna bejnu u bejn il-pulizija u li hawnhekk allura ntalab l-ewwel *ruling* kif diġà intqal aktar qabel f'dan ir-*ruling*.

Aktar tard, wara li Dr Peter Grech ġie mistoqsi xi domandi oħrajn, talab il-protezzjoni tas-Sedja. Tant hu hekk li s-Sedja qalet hekk:

> "Id-domanda tiegħi qiegħda hawnhekk bħala Sedja li qed nippresjedi dan il-Kumitat. Biex tirrispondi aktar domandi minn issa 'l quddiem, jekk kemm-il darba se jkunu dwar x'għamilt inti minn issa 'l quddiem, inti għandek bżonn il-*clearance* ta' xi ħadd?"

Hawnhekk Dr Peter Grech, l-Avukat Ġenerali, irrisponda hekk:

> "Iva, naħseb li rrid niġi eżentat mill-klijent. Dak li talabna l-pariri kien sintendi l-Kummissarju tal-Pulizija."

Aktar tard ikompli jgħid hekk Dr Peter Grech:

> "Din hija ftit iżjed ikkomplikata minn *client-lawyer relationship* tas-soltu fis-sens li hemm ukoll il-prinċipju li l-Pulizija taġixxi indipendentement mill-Gvern, allura jien kont ngħid li għandi bżonn il-*clearance* tat-tnejn, tal-Kummissarju u tal-Ministru inkarigat mill-Pulizija.".

Kien hawnhekk allura li ntalab ir-*ruling* min-naħa tal-Onor. Chris Said dwar il-kwestjoni tal-Avukat Ġenerali, min għandu jeżenta lill-Avukat Ġenerali mis-sigriet professjonali.

Is-Sedja se tagħmel riferenza minnufih għar-*ruling* mogħti mill-istess Sedja preżenti fis-seduta 128 tal-11 ta' Marzu 2014, fuq il-kwestjoni tal-Avukat Ġenerali, min għandu jeżentah u jekk għandux jiġi eżentat mis-sigriet professjonali biex jixhed dwar pariri li seta' ta lill-Gvern jew awtorità li hija suġġett tal-amministrazzjoni pubblika, ir-*ruling* kien wieħed ċar u l-konklużjoni taqra hekk:

> "Għaldaqstant is-Sedja tiddikjara li l-Avukat Ġenerali mhuwiex xhud normali imma huwa xhud li huwa marbut bis-sigriet professjonali u jista' jiġi eżentat biss milli jirrispondi domandi li jaqgħu taħt is-sigriet professjonali mill-istess Gvern għaliex il-Gvern huwa l-klijent kollettiv, biex ngħidu hekk, tal-istess Avukat Ġenerali. Dan ifisser li jekk l-Avukat Ġenerali jħoss li d-domandi li qed isirulu huma kwestjonijiet li jinkombu fuq is-sigriet professjonali, huwa jista' minnufih, mingħajr ma jagħti ebda raġuni, jagħżel li ma jirrispondix dawk id-domandi minħabba li huwa marbut bis-sigriet professjonali. Huwa l-Gvern biss li jista' jew b'xi dokument jew b'dikjarazzjoni li għamel fil-konfront tal-istess Avukat Ġenerali, jagħtih il-fakultà biex jirrispondi dawk id-domandi u jagħti dik l-informazzjoni li tkun marbuta bis-sigriet professjonali."

Fuq il-kwestjoni ta' dokument, jekk għandux jiġi ppreżentat jew le, min għandu jippreżentah u min għandu jagħti l-awtorizzazzjoni biex jiġi ppreżentat dokument li jista' jagħmel referenza għalih ix-xhud, f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali, fejn huwa kien qed jagħmel referenza għal ittra li bagħat hu lill-Kummissarju tal-Pulizija, li ovvjament hija komunikazzjoni interna bejn l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, fuq dan il-punt is-Sedja qed tagħmel referenza għal *ruling* li tat l-istess Sedja fis-seduta 150 tad-19 ta' Mejju, 2014 li kien jikkonċerna l-pubblikazzjoni ta' kuntratti bejn il-Gvern u Henley & Partners qabel ma tali dokumenti jiġu dibattuti fil-Kamra jew quddiem Kumitat. Dakinhar is-Sedja qalet hekk:

> "Fil-każ li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jiddeċiedi li l-kuntratt għandu jiġi ppreżentat quddiemu, iċ-*Chairperson* għandu jassigura li jittieħdu l-kawteli kollha meħtieġa biex jiġu salvagwardjati kemm l-interess tal-ġustizzja, *stante* l-kawża pendenti, kemm l-interess tal-iskrutinju pubbliku kif ukoll jara li jiġu mħarsa dawk iċ-ċirkostanzi partikolari li jirrigwardaw is-sigurtà tal-pajjiż, is-segretezza kummerċjali u ċirkostanzi oħra. Dawn huma *in linea* wkoll ma' proċedura stabbilita fil-House of Commons fis-snin riċenti kif joħroġ minn Erskine May, paġna 446:
>
> *"On 16 of February 2006, the Speaker ruled that, although a document was highly commercially confidential, a copy of the document should be placed in the Library with any sensitive material removed. This practice has been followed on subsequent occasions."*

U jkompli:

“Għalhekk is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li, irrispettivament mill-fatt li hemm kawża pendenti dwar dan il-kuntratt quddiem il-Prim Awla, kif diġà ċitat f'dan ir-*ruling*, il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi xorta għandu l-poter li jiddeċiedi hu jekk għandux jiġi prodott dak il-kuntratt jew le.”

Allura hawnhekk is-Sedja tiġi għar-*ruling* li ntalab mill-istess Dr Peter Grech dwar il-komunikazzjoni interna li saret bejnu u l-Kummissarju tal-Pulizija meta fit-22 ta' Ottubru kiteb l-ittra lill-Kummissarju fejn huwa talbu biex jagħmel dawk l-investigazzjonijiet li jidhrulu xierqa. Is-Sedja qed tiddeċiedi fuq dan il-punt u allura qed tagħti r-*ruling* parzjali dwar dan il-fatt li d-dokument jista' jitpoġġa quddiem il-Kumitat, kemm-il darba l-Kumitat jiddeċiedi hekk, jiġifieri fis-seduta li jmiss il-Kumitat għandu jiddeċiedi jekk l-ittra għandhiex titpoġġa quddiem il-Kumitat jew le.

Dwar it-tieni parti ta' dan ir-*ruling* u ċjoè r-*ruling* kif mitlub min-naħa tal-Onor. Chris Said dwar kwestjoni tad-*dual role* tal-Avukat Ġenerali u dwar min għandu jawtorizza li l-Avukat Ġenerali jkun eżenti mis-sigriet professjonali, fiċ-ċirkostanzi partikolari, is-Sedja tħoss li għandha mill-ewwel tagħmel referenza għal dak li tgħid il-liġi.

Effettivament l-importanza ta' natura suprema hi dik li toħroġ mill-ewwel mill-istess Kostituzzjoni ta' Malta. Artikolu 91 li jitkellem fuq l-Avukat Ġenerali jgħid hekk:

“**91.** (1) Għandu jkun hemm Avukat Ġenerali li l-kariga tiegħu tkun kariga pubblika u li jkun maħtur mill-President li għandu jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru.

(2) Ħadd ma jkun kwalifikat li jkollu l-kariga ta' Avukat Ġenerali jekk ma jkunx kwalifikat għal ħatra bħala mħallef tal-Qrati Superjuri.

(3) Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta' kull setgħat oħra mogħtija lilu b'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra.”

Dan huwa l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni. Imbagħad hemm ukoll Kapitlu 90 li huwa l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali li l-aħħar li ġie emendat kien fl-2004, fejn fl-artikolu 2, subartikolu (1) u (2) *et sequitur* jaqra hekk:

“**2**. (1) L-Avukat Ġenerali jkun il-konsulent legali prinċipali tal-Gvern u jkollu r-rappreżentanza ġuridika tal-Gvern fl-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji fejn il-liġi ma tipprovdix li dik ir-rappreżentanza għandha tkun tvesti f'xi persuna jew awtorità oħra.

(2) L-Avukat Ġenerali jkun l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni f'Malta u jkollu dawk is-setgħat f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti kriminali u kif jista' minn żmien għal żmien jiġi provdut bil-liġi. Fit-twettiq tas-setgħat tiegħu li jibda, imexxi jew

itemm proċedimenti kriminali l-Avukat Ġenerali għandu jeżerċita dawk is-setgħat skont il-ġudizzju personali tiegħu."

Is-Sedja se tagħmel ukoll referenza għall-Code of Ethics li joħroġ minn Chapter 1 tal-*Code of Advocates* maħruġ mill-Commission for the Administration of Justice, prinċipalment Code of Ethics and Conduct for Advocates fejn fil-Kapitlu 6 dwar *confidentiality* hemm dawn ir-regolamenti li jaqraw hekk:

*"Rule 1 – Besides being bound by professional secrecy, an advocate is under a duty to keep confidential the affairs of clients and to ensure that his or her staff do the same.*

*Rule 2 – The duty to keep confidential information about a client and his or her affairs applies irrespective of the source of the information.*

*Rule 3 – The duty to keep confidential a client's business continues until the client permits disclosure or waives the confidentiality.*

*Rule 4 – The duty to keep a client's matters confidential, as opposed to what applies to the duty or professional secrecy, can be overridden in certain exceptional circumstances and shall include those cases in which an advocate is required to disclose confidential information in terms of law; and those cases in which such disclosure is essential for an advocate to defend himself in any proceedings taken against him by or on the complaint of a client or a former client in which event the disclosure shall be limited to what is indispensable for the advocate to defend himself.*

*Rule 5 – An advocate must not disclose a client's address when expressly prohibited from so doing by his client or when he has reasonable grounds to assume that such disclosure would be prejudicial to his client.*

*Rule 6 – An advocate must not make any profit by the use of confidential information obtained in the exercise of his or her profession for his or her own purposes of the purposes of third parties."*

L-artikoli relevanti li s-Sedja wkoll se tagħmel referenza għalihom li huma applikabbli wkoll għad-deċiżjoni li se tagħti fir-*ruling* mitlub, huwa artikolu 430 tal-Kapitolu 9 li jgħid hekk:

**430.** (1) L-Avukat Ġenerali huwa l-prosekutur quddiem il-Qorti Kriminali.

(2) L-Avukat Ġenerali jakkuża fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u jipproċedi *ex officio* indipendentement mill-kwerela tal-offiż, barra minn meta, skont il-liġi, ma jistgħux jittieħdu proċeduri ħlief bi kwerela tal-parti offiża.

Imbagħad hemm l-artikolu 257 dwar kxif ta' sigriet professjonali li għamel referenza għalihom ukoll l-Avukat Ġenerali hekk kif bdiet il-laqgħa tal-tal-11 ta' Frar 2015 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi li jaqra hekk:

> "**257.** Kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah jgħarrafhom lil awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47) jew ta' priġunerija
> għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:
>
> Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, tkun difiża li turi li l-kxif ikun sar lil awtorità pubblika kompetenti f'Malta jew barra minn Malta li tkun qed tinvestiga xi att jew ommissjoni li jkun sar Malta u jkun jikkostitwixxi, jew jekk ikun sar barra minn Malta f'ċirkostanzi korrispondenti kien jikkostitwixxi -
>
> (a) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fl-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi; jew
>
> (b) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fl-artikolu 120A(2)(a)(i) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha; jew
>
> (ċ) xi reat ta' *money laundering* kif imfisser fl-Att kontra *Money Laundering*:
>
> Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-ewwel *proviso* ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal persuna li tkun membru tal-professjoni legali jew tal-professjoni medika.

Is-Sedja rat id-diversi deċiżjonijiet fejn joħroġ ċar ir-rwol tal-Avukat Ġenerali bħala rwol ta' prosekutur u l-funzjonijiet tiegħu u jekk huwiex soġġett għal domandi dwar l-operat tiegħu, x'qal jew x'għandu xi jgħid dwar l-operat tiegħu fi rwol tiegħu bħala prosekutur, u aktar ukoll dwar il-funzjoni tiegħu fejn ikollu r-responsabilità ta' dak li attribwixxiet għalih bħala *super magistrate* jew aħjar *super inquiring magistrate* kif ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' April 1984 fl-ismijiet il-Pulizija *vs* Dr J. Cassar Galea fejn il-Qorti qalet hekk:

> "... l-Avukat Ġenerali għandu funzjonijiet speċjali u partikolari rriservati għalih hekk kif appena jirċievi l-atti msemmija. Meta l-Ewwel Qorti però timxi skont l-artikolu 413 (2) ma tkunx qed tiddeċiedi l-każ definittavament u l-liġi ma tridx li dik il-Qorti bħala Qorti ta' Istruttorja tiddeċiedi hi l-każ definittavament ħlief jekk qabel tiddeċiedi li r-reat hu ta' kompetenza esklussiva tagħha u tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Aġġudikatura. Altrimenti m'hemmx alternattiva ħlief li sempliċement tiddeċiedi fit-termini tal-artikolu 413 (2) b'mod li tħalli l-Avukat Ġenerali jeżerċita l-funzjonijiet

tiegħu li f'dan il-kamp ġew ekwiparati għal dawk ta' Chief Magistrate bil-libertà kollha li l-istess liġi stabbilit."

Hawn qed jingħad li meta l-Avukat Ġenerali jkun qed jieħu dan l-irwol, kif indikat mill-Onor. Chris Said, isir avukat prosekutur meta jsir l-att tal-akkuża u meta jkun qed jirċievi l-atti li jiġu rinvijati mill-Qorti tal-Maġistrati. Meta jirċievi l-atti mill-Qorti tal-Maġistrati meta jkunu qed isiru rinviji lilu, hawnhekk ikun qed jagħmel il-funzjoni ta' *super inquiring magistrate* u allura ma jkunx u ma jistax ikun suġġett għal domandi dwar l-operat tiegħu.

Għalhekk, anke f'dal-punt l-Avukat Ġenerali m'għandux għalfejn jitlob il-ħelsien mis-sigriet professjonali għaliex huwa marbut li m'għandux u ma jistax jixhed dwar l-operat tiegħu meta qed jagħmel dik il-funzjoni bħala *super inquiring magistrate*. Meta jkunu bdew investigazzjonijiet li jkunu diġà qegħdin quddiem il-qrati tal-ġustizzja tagħna, l-istadju fejn il-maġistrat ikun għadu fl-istadju ta' maġistrat kompilatur, jiġifieri *any inquiring magistrate,* allura l-funzjoni tal-Avukat Ġenerali tidħol ukoll f'dan l-operat kif iċċitat. Żgur illi anke meta l-Avukat Ġenerali jkollu u jħoss il-ħtieġa li għandu jitlob il-ħelsien mis-sigriet professjonali dwar parir li jkun ta lil xi awtorità, li allura hija parti mill-amministrazzjoni tal-Gvern, u kull operat ieħor fil-pajjiż li jaqa' taħt l-istess amministrazzjoni tal-Gvern, it-talba trid issir biss lir-rappreżentanza tal-Gvern li hija dejjem f'idejn il-Prim Ministru li allura jista' jagħti l-eżenzjoni hu personali jew jagħżel li jiddelega lil xi ħadd biex jagħti l-eżenzjoni lill-Avukat Ġenerali mis-sigriet professjonali. U dan, kif diġà ngħad, peress li l-klijent huwa dejjem il-Gvern fl-operat tal-amministrazzjoni tal-pajjiż.

Dan il-punt joħroġ ukoll ċar minn diversi sentenzi fosthom is-sentenza deċiża fil-31 ta' Lulju 1998, mill-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech, dwar l-istess kompetenza tal-Avukat Ġenerali anke biex jikkoreġi sempliċi att ta' akkuża. Hawnhekk l-Avukat Ġenerali wkoll huwa marbut ma' dak li jgħid il-Kodiċi Kriminali, prinċipalment l-artikolu 435 (1) u wkoll l-artikolu 597 (1), fejn f'isem ir-Repubblika, anke biex jagħmel korrezzjoni fl-att tal-akkuża hemm il-proċedura preċiża u stabbilita bil-liġi u ma jistax huwa, *da persona* jaqbad u jemenda dak l-istess att ta' akkuża.

Dan ifisser li fl-operat tal-Avukat Ġenerali kollox huwa ristrett u marbut b'mod legali. Aktar u aktar dan joħroġ ċar fil-kawża li ġiet deċiża Sede Kostituzzjonali tas-6 ta' Ġunju 1989 fl-ismijiet Ramesh Chetenram Sharma *vs* l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika fejn f'dawn il-proċeduri ħarġu biċ-ċar, kif qalet l-istess Qorti, dawn il-punti:

> "Il-Prim Ministru għandu t-tmexxija tal-amministrazzjoni tal-pajjiż u għalhekk għandu l-mezzi biex jissodisfa ċerti ordnijiet tal-Qrati."

Dwar l-Avukat Ġenerali, il-Qorti qalet hekk f'din is-sentenza:

> "L-Avukat Ġenerali ma jistax jiġi ordnat jagħmel jew ma jagħmilx dak li l-liġi fdatlu u in sostenn ta' dan huwa ċċita s-subartikolu 3 tal-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni ..."

Minn dan joħroġ ċar, li l-Avukat Ġenerali huwa ristrett b'mod dettaljat dwar dak kollu li jista' jew ma jistax jagħmel fl-operat tiegħu u kollox huwa marbut ma' dak li tiddefinixxi u li ttih l-istess liġi, jiġifieri kemm fil-proċeduri kriminali taħt il-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta kif ukoll l-istess Kostituzzjoni u liġijiet oħra speċjali.

Tant hu hekk li anke meta jiġi biex jiddeċiedi jekk iwaqqafx il-proċeduri kriminali jew le, dan huwa wkoll marbut ma' dak li huwa provdut fl-istess liġi indikata. Xejn iżjed u xejn anqas. Pereżempju l-artikolu 430 tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi li għalkemm l-Avukat Ġenerali huwa l-prosekutur quddiem il-Qorti Kriminali, min-naħa l-oħra huwa nnifsu, mingħajr ebda stennija ta' awtorità oħra, jista' jċedi att ta' akkuża diġà preżentat billi jagħmel dikjarazzjoni fuq dan fil-Qorti. Dan huwa regolat ukoll bl-istess artikolu 600 subinċiż 1 tal-Kapitolu 9. Minn imkien ma joħroġ li biex jagħmel dan ikun soġġett li jispjega jew li jixhed dwar l-operat tiegħu.

Dan joħroġ ukoll ċar mill-paġna 447 tal-*Erskine May Parliamentary Practice 24th Edition,* li diġà ġie ċitat mill-istess Sedja fir-*ruling* tagħha li tat fis-Seduta 128 tal-11 ta' Marzu 2014 fejn jgħid hekk:

> "*By long-standing convention, observed by successive governments, the fact of, and substance of advice from, the law officers of the Crown, is not disclosed outside Government. This convention is referred to in paragraph 2.13 of the Ministerial code. The purpose of this convention is to enable the Government to obtain frank and full legal advice in confidence. Therefore, the opinions of the law officers of the Crown, being confidential, are not usually laid before Parliament, cited in debate or provided in evidence before a select committee, and their production has frequently been refused; but if a Minister deems it expedient that such opinions should be made known for the information of the House, the Speaker has ruled that the orders of the House are in no way involved in the proceedings.*"

Hawnhekk irid jingħad li s-Sedja qed tieħu in konsiderazzjoni l-fatt kif dikjarat mill-istess Onor. Louis Grech, Deputat Prim Ministru, li huwa membru fil-Kumitat dwar il-Privileġġi, li f'isem il-Gvern għamilha ċara fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi li saret fil-11 ta' Frar 2015:

> "Aħna għedna li jidhrilna li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi eżenti milli jkun xhud, l-ewwel ħaġa minħabba l-*appointment* kostituzzjonali tiegħu, it-tieni ħaġa jista' jinħoloq preċedent."

Għalhekk, dwar ir-*ruling* mitlub mill-Onor. Chris Said dwar id-*dual role* tal-Avukat Ġenerali u wkoll dwar min jista' jeżenta lill-istess Avukat Ġenerali mis-sigriet professjonali, is-Sedja qed tiddeċiedi li ma jinbidel xejn minn dak li s-Sedja ddeċidiet fir-*ruling* tagħha tal-11 ta' Marzu 2014 fis-Seduta 128 dwar il-pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali. Ladarba l-Avukat Ġenerali esprima ruħu fis-sens li mhux eżentat mis-sigriet professjonali u ladarba diġà ġie ddikjarat li mhux qed jiġi eżentat mis-sigriet professjonali mill-klijent kollettiv tiegħu, li

dejjem huwa l-Gvern, is-Sedja tiddeċiedi li m'hemmx xejn xi żżid ma' dak li diġà qalet ċar fir-*ruling* tal-11 ta' Marzu 2014, jiġifieri li ladarba m'hemmx l-awtorizzazzjoni li għandu l-ħelsien mis-sigriet professjonali min-naħa tal-Gvern, allura l-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech minn issa 'l quddiem għandu kull dritt u kellu kull dritt mill-bidu li jieqaf milli jkompli jixhed kif effettivament talab li jagħmel ladarba ma jkunx ġie eżentat mill-istess sigriet professjonali.

Dwar il-kwestjoni tad-dokument fejn l-istess Dr Peter Grech talab id-direzzjoni tas-Sedja dwar jekk għandux jippreżenta l-ittra inkwistjoni mibgħuta minnu lill-Kummissarju tal-Pulizija datata 22 ta' Ottubru 2012, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li tali deċiżjoni għandha tkun tal-kumitat parlamentari stess. Il-Kumitat għandu jiddeċiedi iva jew le jekk dan id-dokument għandux jifforma parti mid-dokumentazzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi u dan fil-laqgħa li jmiss ta' dan l-istess Kumitat Permanenti.